

**Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni — Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tan-netwerks tal-enerġija tal-Ewropa**

[COM(2017) 718 final]

(2018/C 262/14)

Relatur: **Andrés BARCELÓ DELGADO**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 12.2.2018
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infurmazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	5.4.2018
Adottata fil-plenarja	19.4.2018
Sessjoni plenarja Nru	534
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	157/1/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

1.1. **jikkondividi** l-viżjoni li netwerk tal-enerġija interkonness b'mod adegwat huwa essenzjali sabiex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni tal-Enerġija: li tiġi ggarantita enerġija affordabbli, sikura u sostenibbli li tippermetti b'mod kompetittiv li jkun hemm proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;

1.2. **jafferma** mill-ġdid li l-għanijiet klimatiċi u ta' sigurtà tal-enerġija kollha huma marbutin ma' xulxin b'mod inseparabbli, u b'hekk l-ebda wieħed minnhom ma għandu jitqies sekondarju għall-ieħor, anki jekk ma jkunux vinkolanti għal xi wħud mill-Istati Membri;

1.3. **huwa tal-fehma** li l-investimenti fl-infrastruttura tan-netwerk għandhom jiġu żviluppati bl-istess intensità bħall-bqija tal-investimenti fuq l-enerġija, b'mod speċjali b'mod ikkoordinat mal-espansjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-iżvilupp adatt kemm tan-netwerks transnazzjonali kif ukoll tan-netwerks nazzjonali tal-enerġija sabiex jiġi ffaċilitat żvilupp konġunt li jagħmel possibbli li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni;

1.4. **jistieden** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu rapporti ta' monitoraġġ biennali dwar l-issodisfar kemm tal-għanijiet ta' żvilupp tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll tal-iżvilupp tan-netwerks nazzjonali u transnazzjonali, bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni koordinata tal-enerġija rinnovabbli u tan-netwerks, b'attenzjoni partikolari għall-osservazzjoni ta' dawk l-ostakli li jfixklu t-trasport tal-enerġija rinnovabbli;

1.5. **jaqbel** li l-għan tal-10 % tal-interkonnessjoni għall-2020 ma jstax jintlaħaq f'għadd ta' Stati Membri, u d-diffikultajiet inerenti fl-iżvilupp ta' dawn il-proġetti (proċeduri amministrattivi kumplessi, implikazzjonijiet politiċi, finanzjament, rifjut soċjali) ifixklu t-tilħiq tal-għanijiet tal-2030, u dan jagħmilha diffiċli li jiġu implimentati l-politiċi klimatiċi kollha tal-UE;

1.6. **jissuġġerixxi** li l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili organizzata fil-fażijiet tat-tfassil tal-proġetti ta' interkonnessjoni tista' tgħin biex jitnaqqas ir-rifjut soċjali fil-konfront ta' ċerti proġetti;

1.7. **jitlob** li jsir progress fir-Regolament ta' Governanza tal-Unjoni, sabiex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet fl-oqsma li fil-preżent jakkumulaw defiċit akbar mill-għan ta' 10 %;

1.8. **jirrakkomanda** li mal-indikatur tal-perċentwal ta' interkonnessjoni għal kull pajjiż jidded il-monitoraġġ tar-rati għal kull żona ġeografika (pereżempju, il-Peninzola Iberika), kif ukoll għandhom jiġu inkorporati indikaturi ta' monitoraġġ tad-differenzi fil-prezz bejn swieq prinċipali, bil-għan li li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni (PCI) f'dawk iż-żoni b'differenzi kbar ħafna;

1.9. **jirrikonoxxi** li l-appoġġ finanzjarju miksub permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), fejn huma allokati EUR 5 500 miljun għall-infrastrutturi tal-enerġija sal-2020, flimkien ma' linji oħra ta' għajmuna u x-xogħol tal-Gruppi Regionali, ippermetta l-iżvilupp ta' numru dejjem akbar ta' proġetti li jqarrbu lill-UE dejjem aktar lejn l-ikkompletar tas-suq intern tal-enerġija;

1.10. **jisħaq** li l-appoġġ baġitarju disponibbli għall-proġetti ta' interkonnessjoni għandu jiġi rivedut, minħabba li l-allokazzjonijiet attwali jistgħu ma jkunux suffiċjenti sabiex tintlaħaq il-konformità mal-għanijiet proposti;

1.11. **jeħtieġ** li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jsaħħu l-mekkaniżmi ta' solidarjetà u ta' sigurtà kondiviża, sabiex tkun tista' ssir it-transizzjoni enerġetika u jkunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tas-sigurtà tal-provvista bi proporzjon tajjeb tal-kost-benefiċċju għall-benefiċċju tal-kompetittività tal-industrija u taċ-ċittadini Ewropej; u

1.12. **jirrakkomanda** li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromovu għodod ta' ġestjoni (softwer) li jżidu l-effiċjenza fit-tħaddim tal-interkonnessjonijiet.

## 2. Il-politika tan-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija

2.1. Sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha b'rabta mat-tibdil fil-klima, il-kompetittività u s-sigurtà tal-enerġija, l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet miri ta' żvilupp għan-netwerks tat-trasport tal-enerġija li jippermettu l-proċess ta' transizzjoni tal-enerġija lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

B'mod konkret, sal-2020, ġiet stabbilita l-isfida għall-Istati Membri sabiex jiksbu interkonnessjoni ta' 10 % mal-pajjiżi ġirien tagħhom. Barra minn hekk, bil-għan li l-iżvilupp tal-għanijiet tal-ġenerazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jkun akkumpanjat bi żvilupp adegwat tal-interkonnessjonijiet, il-Kunsill Ewropew qabel li jżid il-mira tal-interkonnessjoni tal-elettriku bi 15 % sal-2030.

2.2. Biex tiżgura konformità mal-interkonnessjoni ta' 10 %, fl-2013 l-UE adottat ir-Regolament dwar in-Netzwerk Trans-Ewropew tal-Enerġija (Regolament TEN-E), u nediet il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), u b'hekk ħolqot is-sisien biex jiġu identifikati, appoġġjati u tiġi prijoritizzata l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni (PCI) biex jinkiseb netwerk trans-Ewropew tal-enerġija reżiljenti.

2.3. L-investimenti fin-netwerks tal-enerġija Ewropej huma, sal-2030, EUR 180 biljun, u huwa mistenni li, ladarba jitlestew, dawn jiġġeneraw iffrankar annwali ta' bejn EUR 40 000 u EUR 70 000 miljun, bis-saħħa tal-ispejjeż iffrankati fuq il-ġenerazzjoni, u prezzijiet bl-ingrossa tal-gass aktar kompetittivi li jbaxxu l-kostijiet tat-transazzjoni tal-enerġija.

It-tielet lista ta' PCIs, li għandhom soġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, tidentifika 173 proġett biex jikkontribwixxu għat-tilħiq tal-għanijiet tal-interkonnessjoni għall-2020 u l-2030.

Minkejja l-ambizzjoni tal-lista u l-miżuri ta' appoġġ eżistenti, kemm id-diffikultajiet tekniċi inerenti fil-proġetti kif ukoll l-implikazzjonijiet politiċi u amministrattivi u r-rifjut soċjali jammontaw għal inqas minn 30 % tal-173 proġett inkluż fit-tielet reviżjoni tal-PCI mwettaq fl-2017 li se titlesta fl-2020.

Il-fatt li l-applikazzjoni tal-istandards tat-TEN-E fil-livelli nazzjonali ma ġietx implimentata għalkollox, ikkontribwixxa għal dan id-dewmien.

2.4. Sabiex isiru sforzi lejn it-tilħiq tal-għanijiet, il-Kummissjoni stabbilixxiet erba' gruppi ta' livell għoli bil-għan li jitħaffew il-pass tal-iżvilupp ta' infrastrutturi f'erba' reġjuni speċifiċi.

#### 2.4.1. Pjan ta' interkonnessioni tas-suq Baltiku tal-enerġija

Il-prijorita politika hija s-sinkronizzazzjoni tan-netwerk tal-elettriku tal-pajjiżi tal-Baltiku man-netwerk kontinentali Ewropew, kif ukoll it-tmiem tal-iżolament – u d-dipendenza minn sors ta' gass wieħed – tal-pajjiżi Baltiċi u l-Finlandja fin-netwerks tal-gass tagħhom.

Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-konklużjoni tal-ftehim politiku għall-promozzjoni tal-finalizzazzjoni tal-PCIs tal-gass fl-2021, bħall-interkonnessioni l-Estonja-il-Finlandja u l-interkonnessioni l-Polonja-il-Litwanja.

#### 2.4.2. Peniżola Iberika (Dikjarazzjoni ta' Madrid)

Sfortunatament, u minkejja l-approvazzjoni tal-linja tal-Bajja ta' Biskalja, l-interkonnessionijiet tal-Peniżola Iberika mal-bqija tal-Ewropa għadhom lura biex jilhq u l-miri stabbiliti għall-2020 u għadhom lura ferm biex jilhq u l-miri stabbiliti għall-2030.

Il-livell ta' interkonnessioni bejn Spanja u l-Portugall ma jsolvix il-problema bażi tan-nuqqas ta' konnessjonijiet bejn il-Peniżola Iberika u Franza, minħabba li l-uniku mod kif issir interkonnessioni bejn il-peniżola u l-Ewropa u kif jiġi integrat is-suq intern huwa permezz ta' Franza, u b'hekk l-interkonnessionijiet ma' dan il-pajjiż huma ta' madwar 2,8 %.

Dan il-perċentwal żgħir ta' interkonnessioni jikkontribwixxi sabiex il-prezzijiet tal-elettriku fil-Peniżola Iberika jkunu fost l-ogħla fl-Ewropa u l-ispiża tas-sistema tal-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli hija għolja ħafna, minħabba li hemm bżonn ta' kapaċitajiet tal-elettriku ta' appoġġ kbar u l-applikazzjoni ta' proċeduri li jippermettu l-ġestjoni ta' volatilità kbira fil-kombinazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Id-dikjarazzjonijiet reċenti tal-President Macron jassumu appoġġ politiku essenzjali għaż-żewġ interkonnessionijiet Pirenej li – madankollu – għadhom fil-fażi tal-bidu nett.

#### 2.4.3. Il-konnettività tal-enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk

Dan ir-reġjun huwa vulnerabbli għal tfixkil fil-provvista u jħallas prezz ogħla għall-gass mill-bqija tal-UE, minkejja l-prossimità ġeografika tiegħu mal-fornitur tal-gass.

L-għanijiet prinċipali huma t-tnedija tal-interkonnettur bejn il-Bulgarija u s-Serbja, il-bidu tal-investiment fit-terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) ta' Krk (fl-ewwel nofs tal-2018) u l-bidu tal-bini tal-kuritur bejn il-Bulgarija-l-Awstrija fil-parti Rumena tiegħu.

#### 2.4.4. Il-kooperazzjoni enerġetika fil-Baħar tat-Tramuntana

L-għan prinċipali kien iffokat fuq il-kombinazzjoni tal-ġenerazzjoni u t-trasport tal-enerġiji rinnovabbli, kif ukoll fuq il-ħolqien ta' qafas legali u regulatorju li jwassal għal dan it-tip ta' proġett f'qasam li għandu potenzjal għall-ġenerazzjoni mirrih ta' bejn 4 % u 12 % tal-konsum tal-UE fl-2030.

### 3. Ridirezzjonar tal-politika infrastrutturali fuq perjodu twil ta' żmien

3.1. Għalkemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamli sforz konsiderevoli bit-tħeġġiġ tal-PCIs, ir-realtà hija li, minħabba diffikultajiet tekniċi kif ukoll minħabba limitazzjonijiet burokratiċi u limitazzjonijiet finanzjarji, numru żgħir biss tagħhom ser jiġi implimentat fl-2020, għalhekk hemm bżonn urġenti li jiġi rivedut il-kalendarju tal-implimentazzjoni previst għall-PCIs, u għandha tingħata prijorità liż-żoni li huma l-iżjed lura biex jissodisfaw l-għanijiet tal-interkonnessioni.

3.2. Il-KESE jemmen li l-kriterji ta' ċibersigurtà għandhom jiġu inklużi fil-PCIs, sabiex jiġi limitat ir-riskju għaċ-ċittadini Ewropej.

Id-diġitalizzazzjoni tassumi li l-proporzjon ta' sistemi huwa dejjem iktar importanti fi proġetti ta' investiment ġodda.

3.3. Fl-interkonnessionijiet tal-gass għandha tingħata prijorità lil dawk il-PCIs li jikkontribwixxu sostanzjalment għall-garanzija tas-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri, kemm minħabba riskji li jirriżultaw minn azzjonijiet ta' pajjiżi terzi kif ukoll minħabba limitazzjonijiet tekniċi.

3.4. L-għanijiet tal-interkonnessioni elettrika għandhom in-nuqqas li jikkunsidraw lil kull Stat Membru separatament. Huwa meqjus neċessarju li l-eżerċizzju skont iż-żoni ġeografiċi jiġi ripetut, bir-raggruppamenti neċessarji ta' Stati Membri, biex jiġu evitati limitazzjonijiet fl-interkonnessionijiet tan-netwerks. Dan huwa b'mod speċjali neċessarju f'każijiet fejn Stat ikun jista' jagħmel interkonnessioni mal-bqija tal-Ewropa permezz ta' Stat ieħor, bħal fil-każ tal-Peniżola Iberika, Ċipru, Malta u l-Irlanda.

3.5. L-interkonnessionijiet tal-Istati Membri bl-akbar defiċit fil-konnessionijiet, bħal, fost l-oħrajn, il-pajjiżi li jappartjenu għall-Peniżola Iberika, ix-Xlokk tal-Ewropa, il-Polonja u l-Irlanda, għandhom jingħataw prijorità, u l-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ifasslu l-miżuri neċessarji għat-twettiq tagħhom bla telf ta' żmien.

3.6. L-għan ta' 10 % ta' interkonnessioni elettrika mhuwiex se jintlaħaq sal-2020 minn Ċipru, Spanja, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit u l-inklużjoni tal-Irlanda u l-Portugall fil-lista ta' dawk li "laħqu l-għan" hija dibattibbli ferm.

Fid-dawl tad-data tal-Kummissjoni nnifisha, l-għan ta' 15 % tal-interkonnessionijiet elettriċi fl-2030 jidher li hu diffiċli li jintlaħaq, b'mod speċjali jekk issir l-analiżi l-korretta għal-"limitazzjonijiet ġeografiċi" u mhux biss għall-Istati Membri.

3.7. Il-livelli limiti l-ġodda li ġew definiti biex ikejlu l-ħtiġijiet għall-interkonnessioni u l-integrazzjoni fis-suq intern, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-2030, huma:

- livell limitu ta' differenza ta' EUR 2/MWh bejn is-swieq bl-ingrossa ta' kull Stat Membru, reġjun jew żoni tal-provvista, bil-għan li tiġi avanzata l-armonizzazzjoni tas-swieq;
- il-provvista tal-elettriku għandha tiġi ggarantita b'kombinazzjoni tal-kapaċità ta' kull Stat Membru u importazzjonijiet tal-enerġija. Meta l-kapaċità nominali tal-interkonnetturi tkun inqas minn 30 % tat-tagħbija massima, għandhom jiġu indirizzati interkonnessionijiet ġodda, u
- it-tielet livell limitu jirreferi għall-użu ottimali tal-enerġija rinnovabbli: meta l-kapaċità tal-interkonnessioni (esportazzjoni) tkun inqas minn 30 % tal-kapaċità installata tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iridu jiġu indirizzati interkonnessionijiet ġodda.

Dawn it-tliet livelli limitu jorbtu direttament l-għanijiet ta' żvilupp tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni fis-suq intern mal-għanijiet ta' interkonnessioni, u b'hekk isir progress fit-tilħiq tagħhom ilkoll.

3.8. Meta wieħed iqis il-livelli limiti l-ġodda stabbiliti u l-limitazzjoni tal-analiżi mill-Istat Membru, hemm sitt pajjiżi li ma jissodisfaw ebda wieħed mit-tliet limitazzjonijiet: Ċipru, Spanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja u r-Renju Unit. Jeħtieġ li magħhom jiżdiedu l-Portugall u Malta, li jissodisfaw tnejn biss mil-livelli limitu, iżda permezz ta' konnessjoni esklussiva ma' Spanja u mal-Italja rispettivament.

Kemm il-pajjiżi Baltiċi kif ukoll il-Ġermanja, il-Bulgarija, il-Polonja u r-Rumanija jissodisfaw tnejn mit-tliet livelli limitu, filwaqt li l-Istati Membri l-oħra jistgħu jitqiesu integrati b'mod sħiħ billi jissodisfaw it-tliet livelli limitu.

3.9. Kemm bl-analiżi tal-perċentwal tal-interkonnessioni ta' kull Stat kif ukoll bl-analiżi tat-tliet livelli limitu l-ġodda, huwa ċar li f'għadd ta' Stati jkun tassew diffiċli li jintlaħqu l-għanijiet definiti għall-2030. Waħda mill-problemi ewlenin hija li l-għan tal-interkonnessioni mhuwiex vinkolanti għall-Istati Membri, fatt li, flimkien mad-dewmien inerenti f'dawn it-tipi ta' proġetti (konsensus politiku, ħtiġijiet ta' finanzjament, redditu ekonomiku, rifjut soċjali), jagħmilha diffiċli biex jintlaħqu. L-għanijiet klimatiċi u ta' sigurtà tal-enerġija kollha tal-UE huma marbutin ma' xulxin b'mod inseparabbli, u b'hekk l-ebda wieħed minnhom ma għandu jitqies sekondarju għall-oħrajn.

3.10. L-UE għandha tkompli tippromovi l-ipproċessar u l-approvazzjoni tar-Regolament tagħha dwar il-Governanza, filwaqt li għandha tadotta approċċ ambizzjuż li jqis l-għan tal-interkonnessionijiet u l-għan tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq l-istess livell, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmobilizzaw b'mod urġenti l-isforzi kollha biex jilħqu malajr kemm jista' jkun l-għan ta' 10 % interkonnessioni li jippermetti aċċess għas-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni.

Barra minn hekk, għal dawk il-proġetti li jżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' interkonnessioni attwali tagħhom fil-punti li huma taħt l-għan ta' 10 %, għandhom jiġu applikati l-istrumenti finanzjarji disponibbli kollha, bħas-CEF, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Dawn il-proġetti għandhom ikunu soġġetti għal trattament regolatorju speċifiku, b'rinfurzar ta' miżuri ta' governanza Ewropea għall-proġetti li jħaffu l-implimentazzjoni tagħhom.

3.11. Il-gruppi reġjonali, flimkien mal-Kummissjoni, għandhom jagħmlu evalwazzjoni kontinwa, każ b'każ, filwaqt li jagħtu prijorità għar-realizzazzjoni ta' dawn il-PCIs, inkluż l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri li huma meħtieġa biex jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni tagħhom – fosthom, is-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi – u l-promozzjoni ta' ftehim bejn l-Istati Membri billi jsiru laqgħat fl-ogħla livell.

Hemm bżonn ta' azzjoni minn kulħadd fost il-partijiet kollha involuti, inklużi l-Istati Membri, l-operaturi tan-network tat-trasport, il-promoturi u r-regolaturi. Inizjattivi bħall-Forum tal-Infrastrutturi Enerġetiċi li jsir ta' kull sena f'Copenhagen, li jippermettu l-parteċipazzjoni attiva ta' dawn l-aġenti kollha, huma pożittivi ferm għal tentattivi ta' sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi ta' żvilupp tal-proġetti ta' interkonnessioni.

#### 4. Sigurtà tal-provvista

4.1. B'dipendenza enerġetika kbira mill-estern fl-Istati Membri kollha tagħha, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE. F'dan ir-rigward, matul dawn l-aħħar snin, saru avvanzi sinifikanti, b'mod speċjali fin-networks u fl-interkonnessionijiet tal-gass naturali; madankollu, l-iżvilupp ta' dawk il-PCIs neċessarji biex jiġi żgurat li s-sistema tal-gass ta' kull pajjiż tissodisfa l-kriterju N-1 definit mir-Regolament (UE) Nru 994/2010, għandu jibqa' jingħata prijorità u, sussegwentament, ikun possibbli li jkun hemm tliet sorsi alternattivi ta' provvista tal-gass disponibbli, kemm jista' jkun malajr.

4.2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-kontributuri li huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li għadhom jeżistu f'xi territorji tal-Unjoni, bħall-gżejjer u ż-żoni periferiċi. Huwa importanti li wieħed jiftakar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011, fejn ġie miftiehem li ebda Stat Membru ma għandu jibqa' iżolat min-networks Ewropej tal-gass u tal-elettriku wara l-2015, lanqas li jara li s-sigurtà tal-enerġija tiegħu tiġi kkundizzjonata min-nuqqas ta' interkonnessionijiet adegwati. Għal dan il-għan, u minkejja d-dewmien, l-avvanzi li introduċiet il-kopertura tas-CEF fl-2017, bil-promozzjoni ta' proġetti li ser itemmu l-iżolament tal-gżejjer bħalma huma Ċipru u Malta, u l-PCIs li qegħdin jiġu studjati, bħal-linja tal-gass tal-EastMed, iġibu magħhom ottimiżmu fuq perjodu ta' żmien medju.

4.3. Jeħtieġ li jiġu implimentati mekkaniżmi ta' solidarjetà bejn l-Istati li jippermettu azzjoni konġunta biex jissolvew riskji possibbli fil-provvista ta' Stat partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

#### 5. Rekwiżiti għat-tranżizzjoni enerġetika

5.1. L-avvanz lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u l-għanijiet definiti għall-2030 (27 % ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli) u l-2050 (tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> bi 80 %) ser isaħħu l-elettrifikazzjoni tat-trasport u tas-settur domestiku, u jqanqlu hitigijiet għall-enerġija rinnovabbli u jintroduċu użi ġodda tagħhom permezz tal-proġetti "Power to Gas".

5.2. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-2050, il-ħtiġijiet ta' investiment fin-networks tat-trasport u d-distribuzzjoni għandhom ikunu bejn EUR 40 000 u EUR 62 000 miljun<sup>(1)</sup>, meta mqabbla maċ-ċifra attwali ta' EUR 35 000 miljun.

5.3. Hemm riskju ċar li ma jintlaħqux l-għanijiet tal-interkonnessioni 2030-2050 minħabba d-diffikultajiet marbutin mal-iżvilupp ta' dawn il-proġetti, ħaġa li tipperikola l-għanijiet Ewropej fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li jagħti lok għall-ispejjeż ta' appoġġ għall-investimenti f'enerġiji rinnovabbli.

<sup>(1)</sup> Studju tal-Parlament Ewropew (Kumitat ITRE) – European Energy Industry Investments 2017 (IP/A/ITRE/2013-46 – PE595.356).

5.4. L-iżvilupp tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandu jkun akkumpanjat mill-iżvilupp adegwat tan-netwerks tal-enerġija, kemm dawk transnazzjonali kif ukoll dawk nazzjonali.

## 6. Il-progress lejn suq intern ġenwin għall-enerġija

6.1. Il-KESE minn dejjem wera li l-Unjoni tal-Enerġija hija aspett ewlieni fil-bini tal-Unjoni Ewropea, peress li l-interkonnexxjonijiet huma element indispensabbli sabiex ikun jista' jintlaħaq suq intern awtentiku tal-enerġija minħabba li, fin-nuqqas tagħhom, isefhhu sitwazzjonijiet anomali b'bosta ineffiċjenzi.

Fin-nuqqas ta' interkonnexxjonijiet, il-politika tal-promozzjoni ta' enerġiji rinnovabbli ser twassal għal volatilità kbira fil-prezzijiet, hteġa għal aktar investimenti fit-"teknoloġiji ta' riserva" u xi kultant ħela ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli meta jkun hemm żieda fil-ġenerazzjoni waqt tnaqqis fil-konsum.

6.2. L-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tistma li 31 % biss tal-kapaċità tal-interkonnexxjoni li teżisti fil-pajjiżi tal-Ewropa kontinentali hija offruta lis-suq. Għaldaqstant, sabiex isir avvanz fl-ikkompletar tas-suq intern, huwa rrakkomandat li jiġu adottati miżuri li jimmassimizzaw il-kapaċità offruta lis-swieq, li tiġi ġġenerata kompetizzjoni ikbar, li tiġi ġġenerata iktar effiċjenza u li jsir użu aħjar tar-riżorsi disponibbli.

6.3. Bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-operat, jeħtieġ li jsir progress fl-akkoppjament tas-swieq tal-istess ġurnata u tas-swieq tal-ibbilanċjar transkontinentali u li jiġu promossi l-miżuri tar-Regolament (UE) 2017/2195 tal-Bilanċ Elettriku, li jitolbu li l-Istati Membri jikkooperaw fl-ivell reġjonali għall-iżvilupp ta' żoni ta' bilanċ fl-interkonnexxjonijiet li jikkontribwixxu għas-soluzzjoni tal-konġestjonijiet, għall-ottimizzazzjoni tal-enerġiji ta' riserva bejn l-Istati Membri u ż-żieda fil-kompetittività tas-swieq<sup>(2)</sup>.

## 7. Ottimizzazzjoni ekonomika

7.1. Il-KESE jqis li għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-fondi Ewropej disponibbli jiġu allokatu primarjament għal dawk il-proġetti li huma l-aktar meħtieġa mil-lat ta' sigurtà tal-provvista u dawk li jiggwarantixxu redditu ekonomiku ikbar jew jippermettu progress ikbar lejn it-tilħiq tal-għanijiet klimatiki tal-Unjoni.

7.2. Il-livell ta' azzjoni 1 (divrenzjar fil-prezz) għandu jkun determinanti, mil-lat ekonomiku, fl-allokazzjoni tal-proġetti.

7.3. Il-proġetti tal-ħżin (ippumpjar, fost l-oħrajn) li jikkontribwixxu sabiex jimminimizzaw il-ħtiġijiet tal-park ta' ġenerazzjoni għandhom jiġu assenjati prijorità fuq proġetti oħrajn li ma għandhomx, illum il-ġurnata, appoġġ teknoloġiku suffiċjenti u li jiġu ffinanzjati mill-programmi ta' riċerka u innovazzjoni; dan pereżempju huwa l-każ ta' xi proġetti relatati mal-ġarr tas-CO<sub>2</sub>. Madankollu, il-liġi għandha tirreaġixxi għall-iżviluppi teknoloġiċi.

Brussell, id-19 ta' April 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Luca JAHIER

---

<sup>(2)</sup> ĠU L 312, 28.11.2017, p. 6